# 95 sena mill-mewt tal-mużiċista ANTONIO CALLEJA (1840-1901)

minn
Grazio A. Grech

SA MILL-IBAGĦAD ŻMINIJIET il-mużiċisti li kienu jiffurmaw parti mill-mużika tal-kappella tal-Matriċi u Kolleġġjata ta' l-Assunta ta' Għawdex, il-Katidral ta' llum, kienu jkunu l-aktar mużiċisti struwiti li kien ikun hawn fil-gżira Għawdxija. Mhux dan biss, għall-festa ta' Santa Marija kienu ukoll jinġabru minn Malta biex jingħaqdu mal-mużiċisti tal-kappella, mużiċisti oħra ta' livell għoli li kien ikun hemm f'Malta.[1]

Madankollu, mużiċist Għawdxi ta' ħila u kapaċita' fil-qasam mużikali u li għal bosta snin kien jifforma parti mill-Mużika tal-Kappella tal-Katidral ta' Għawdex, hu l-mużiċista, Antonio Calleja.

Antonio Calleja twieled nhar l-14 ta' Marzu, 1840, ir-Rabat, Għawdex, bin M'Ang u Grazzja mwielda Refalo.[2] Hu tħarreġ tajjeb fl-arti mużikali tant li barra li kien kantant baxx profond, kien ukoll pjanista, kif ukoll surmast tal-mużika u tal-kant fis-Seminarju ta' Għawdex.[3] Huwa kien ukoll il-*Maestro di Cappella* f'diversi knejjes fosthom fil-knisja tal-patrijiet Agostinjani tar-Rabat, Għawdex.[4]

Mill-kotba ta' l-eżitu tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex jidher ċar li Antonio Calleja ngħaqad bħala kantant baxx (vuċi) mal-Mużika tal-kappella tal-Katidral għal nofs is-snin 1850. Infatti nsibu li fis-sena 1858 tħallas is-somma ta' tnax-il skud u 8 tari ta' xi servizzi li ta.[5] L-istess reġistri ta' l-eżitu juruna wkoll li maż-żmien, minħabba l-kapaċita' u l-ħila li kellu, wasslet sabiex dan jibda jitħallas, għalkemm kien membru tal-Mużika tal-Kappella tal-Katidral, bħala li kien kantant barrani. "... *pagati ai quattro musici forastieri compreso il basso Antonio Calleja invece d'un altro forastiero* ..."[6] Sa l-aħħar tas-snin 1880 Antonio Calleja kien għadu jifforma parti mill-Mużika tal-Kappella tal-Katidral, Għawdex.[7]

Barra dan, Antonio Calleja kien ukoll jipparteċipa f'xi attivitajiet mużikali li kienu jsiru. Huwa ħa sehem u ġie wisq imfaħħar meta pparteċipa f'serata vokali-strumentali li kienet saret nhar it-3 ta' Ġunju, 1894, f'Għajnsielem, Għawdex, mill-fergħa tal-Catholic League of the Cross tar-Riġment Ingliż 'Connaught Rangers' li kienu staz-zjonati fil-fortizza Chambray. Din l-attivita' mużikali kienet saret biex jiġi mfakkar is-70 anniversarju mill-formazzjoni ta' l-94 jew it-Tieni Battaljun li tiegħu l-fergħa li kien hawn f'Għawdex kienet parti minnu.[8]

Il-mużiċista Antonio Calleja kkompona wkoll xi mużika sagra. Fl-arkivju mużikali tal-Katidral ta' Għawdex insibu xi

kompożizzjonijiet minn tiegħu. Fost dawn hemm komnożizzjoni bl-isem ta' KYRIE datata 1864 u mogħtija lill-Katidral fl-1965. Hemm ukoll żewġ kompożizzjonijiet bl-isem ta' SALVE REGINA. Waħda minn dawn iġġib id-data 1885 u l-oħra kienet ġiet finalizzata fl-1888. Barra dawn hemm ukoll żewġ kompożizzjonijiet bl-isem ta' DEUS AUDITORIUM datati 1873 u 1893 rispettivament. Insibu wkoll il-kompożizzjoni NISI DOMINUS li ġġib id-data 1895.[9]

Antonio Calleja kkompona wkoll TANTUM ERGO u QUI TOLLIS. Din ta' l-aħħar kienet ġiet esegwita u kantata mill-awtur stess għall-ewwel darba waqt Quddiesa Pontifikali f'Ħadd il-Għid fil-Katidral ta' Għawdex tas-sena 1872. Magħha kien ukoll indaqqet mill-Mużika tal-Kappella tal-Katidral, taħt id-direzzjoni tad-Direttur tagħha Mro Adriano Lanzon, il-kompożizzjoni CUM SANCTO SPIRITU tal-Kanonku Dr Ġorġ Mercieca, "*... che Domenica di Pasqua pontifico' nella Cattedrale Monsignor Vescovo, e vennero cantati dei nuovi pezzi di musica, compozizioni dei nostri bravi confratelli Gozitani. Un 'Qui Tollis' del dilettante signor Antonio Calleja e cantato egregiamente dello stesso, ed un 'Cum*




***Nisi Dominus, kompozizzjoni ta' Antonio Calleja, data l-1 ta' Marzu, 1895.***

*Sancto Spiritu' del commendevole Canonico Dr. G. Mercieca...*"[10]

Il-mużiċista Antonio Calleja kien iżżewweġ fi Frar, 1865, lil Maria Scicluna.[11] Hu miet f'Marsalforn nhar l-1 ta' Settembru 1901, u ġie midun il-Katidral ta' Għawdex.[12]

1. GRECH G. A., *Mużiċisti li ħadu sehem fil-Mużika t'Għawdex 1720-1830, f'Programm Festa Santa Marija*, Rabat, Għawdex, 1979.
2. Arkivju Bażilka San Ġorġ, Lib. Dept, 1833-1846, Vol 9.
3. VELLA BONDIN J., *L-Arkivju tal-Mużika tal-Katidral t'Għawdex, f'Programm Festa Santa Marija*, Rabat, Għawdex, 1992.
4. Arkivju Sant'Wistin, Għawdex, Lib. Esito Luglio 1890 - Agosto 1904, pp 77, 132.
5. Arkivju Katidral Għawdex, Lib. Prebende Canonicale e Salarii 1855-1861, April, 1958.
6. Arkivju Katidral Għawdex, Lib. Esito Notule Mensile April 1865 - Maggio 1874, Awwissu, 1870.
7. Arkivju Katidral Għawdex, Irċevuta data 30/9/1888.
8. ABELA A.E., *The Connaught Rangers and Għajnsielem Parish Church, f'The Sunday Times*, 11.12.94.
9. Arkivju Katidral Għawdex, Mużika.
10. MIFSUD BONNICI R., Dizz. Bijo-Bibl, Nazzjonali, p. 84; *Il Portafoglio Maltese (12.4.1872).*
11. Arkivju Bażilka San Ġorġ, Lib. Matr. 1839 - 1928, Vol V.
12. Reġistru Pubbliku, Għawdex, Att tal-Mewt Nru. 293/1901; Arkivju Katidral, Għawdex, Lib. Def. 1893-1934, p. 104.